

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 540/2013-2;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark tridimensjonal li tirrappreżenta forma ta' flixkun għall-klassijiet 6, 21, 32 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 532 687.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* it-trade mark ma hijiex eliġibbli għal reġistrazzjoni fir-rigward ta' parti mill-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2014 – Sina Bank vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-418/14**)

(2014/C 282/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Sina Bank (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: B. Mettetal u C. Wucher-North, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill wara r-reviżjoni li tinsab fl-Avviż tal-15 ta' Marzu 2014 għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK<sup>(1)</sup> u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012<sup>(2)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU C 77, p.), li tipprovdli li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ikomplu jaffettwaw lir-rikorrent direttament;
- tannulla l-punt I.B.8 tal-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 sa fejn dan ikompli jaffettwa lir-rikorrent direttament kif previst fl-avviż tal-15 ta' Marzu 2014;
- tikkundanna lill-Kunsill ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti mir-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbaż fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-Kunsill wara r-reviżjoni li tinsab fl-avviż tal-15 ta' Marzu 2014 kisret ir-rekwiżiti proċedurali li tagħti motivazzjoni xierqa u li tosserva d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li Sina Bank ma huwiex marbut mal-interessi tad-“Daftar” u ma jikkontribwixxix għall-finanzjament tal-hekk imsejħa interressi strateġiċi tal-istat u lanqas għall-programm nukleari tiegħu. Għaldaqstant, il-kriterji sostantivi li jippermettu nomina taħt l-atti kkontestati ma humiex issodisfatti fir-rigward tal-Bank u/jew il-Kunsill wettaq żball manifest ta’ evalwazzjoni meta ddetermina jekk dawn il-kriterji ġewx issodisfatti jew le. Il-Kunsill lanqas ma applika l-kriterju korrett.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill, tas-26 ta’ Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat- 23 ta’ Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).

## Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ġunju 2014 – The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-419/14)

(2014/C 282/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: The Goldman Sachs Group, Inc (New York, l-Istati Uniti tal-Amerika) (rappreżentanti: W. Deselaers, J. Koponen u A. Mangiaracina, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla, b'mod sħiħ jew parzialment, l-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139, tat-2 ta’ April 2014, fil-Każ COMP/39.610 – Power Cables, sa fejn daw jikkonċernaw lir-rikorrenti; u/jew
- tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti mill-Artikolu 2 tad-deċiżjoni;
- tordna lill-Kummissjoni tbat l-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta’ Diċembru 2002 fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżi fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat <sup>(1)</sup> billi żammet lil GS Group responsabbi in solidum għall-ksur allegatament imwettaq minn Prysman.
2. It-tieni motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 u l-Artikolu 296 TFUE għaliex ma tipprovax b'mod sodisfaċjenti fil-liġi li GS Group effettivament eżerċitat influenza deċiżiva fuq Prysman matul il-periċċu rilevanti.
3. It-tielet motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, peress li tikser il-prinċipju ta’ responsabbiltà personali u l-preżunzjoni tal-innoċenċza.
4. Ir-raba’ motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 peress li tikser il-prinċipji taċ-ċertezza legali u li l-penali għandha tkun spċċifika għal min iwettaq l-offiża, għaliex il-Kummissjoni ma allokatx il-multa.
5. Il-ħames motiv, li jallega li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti (ksur ta’ rekwiżit proċedurali essenziali), għaliex il-Kummissjoni naqset milli tagħti aċċess għal dokumenti essenziali fi żmien xieraq.